

# Gwida tal-BOV

## GĦAL META JIĠU NIEQSA L-QRABA

BOV
Bank of Valletta



# Qegħdin hawn għalik

## F'DAN IŻ-ŻMIEN DIFFIĊLI

Li titlef persuna għażiża qatt mhu faċli. Flimkien mal-piż emozzjonali, hemm ukoll passi prattiċi li jridu jittieħdu, u nifhmu li dan jista' jkun ta' piż. Din il-gwida ġiet maħluqa biex tgħinek matul dan il-proċess, pass pass, b'rispett.

**1**

### IĠBOR ID-DOKUMENTI IMPORTANTI U AVŻA LILL-ENTITAJIET RILEVANTI

Ikollok bżonn ċertifikat tal-mewt, kopja tad-dokumenti tal-identità, dettalji ta' kuntatt, u kontijiet tal-funeral *(jekk applikabbli)*.

**2**

### IKKUNTATTJANA U GĦADDILNA D-DETTALJI

Agħżel il-metodu li tippreferi: bit-telefon, bl-email jew f'waħda mill-fergħat tagħna.

**3**

### ĦALLINA NIRREVEDU U NIFFRIŻAW IL-KONTIJIET

Niggwidawk biex jiġu sospiżi l-pagamenti u biex il-kontijiet jiġu protetti.

**4**

### IRRANĠA BILANĊI PENDENTI, SELF U KARTI

Ngħinuk timmaniġġja kwalunkwe dejn jew kreditu.

**5**

### ITLOB GĦAJNUNA GĦALL-ISPEJJEŻ TAL-FUNERAL

Jekk meħtieġ, nistgħu nirranġaw il-pagamenti relatati mal-funeral.

**6**

### STENNA R-REVIŻJONI MIT-TIM LEGALI TAGĦNA

It-tim legali tagħna jirrevedi d-dokumenti u n-nutar jikkuntattjak.

**7**

### TIRĊIEVI L-FONDI

Ladarba l-proċess ikun lest, il-fondi jiġu rilaxxati lill-werrieta.



# L-Ewwel Passi

## QABEL TIKKUNTATTJANA, JISTA' JKUN HEMM BŻONN LI:

**1**

### TIRREĠISTRA L-MEWT

- Żur il-websajt ta' Identità għal aktar gwida: ***https://identita.gov.mt/public-registry-useful-info-death***
- Iċ-ċertifikati ġeneralment jinħarġu fi żmien bejn 3 u 6 ġimgħat.

**2**

### TAVŻA LIS-SIGURTÀ SOĊJALI (JEKK APPLIKABBLI)

- ***https://socialsecurity.gov.mt/en/report-a-death-of-a-social-security-beneficiary***
- Jekk il-konjugi superstiti m'għandux kont personali fuq ismu biss, ikun jeħtieġ jiftaħ wieħed biex ikun jista' jirċievi l-benefiċċji.

**3**

### TAVŻA ORGANIZZAZZJONIJIET OĦRA, BĦAL:

- Kumpaniji tal-assigurazzjoni.
- Fornituri ta' servizzi tal-elettriku, ilma, telefon u internet.
- Telecare u servizzi oħra ta' appoġġ.

# X'Se Jkollna Bżonn

## MINGĦANDEK

Biex inkunu nistgħu ngħinuk malajr kemm jista' jkun, jekk jogħġbok ipprovdi:

**DETTALJI TAL-PERSUNA LI MIETET:**

- Isem u kunjom
- Numru tal-Karta tal-Identità jew tal-passaport
- Data tal-mewt
- Dettalji tal-konjugi jew partner *(jekk applikabbli)*

**DWAREK (IL-PERSUNA LI QED TINNOTIFIKA):**

- Isem u kunjom
- Numru tal-Karta tal-Identità jew tal-passaport
- Relazzjoni mal-persuna li mietet
- Dettalji ta' kuntatt *(email u numru tat-telefon)*

**DOKUMENTI UTLI:**

Permess tad-difna u/jew ċertifikat tal-mewt *(mhux obbligatorji, iżda utli)*.



# Id-Dokumenti

## LI SE TKUN TEĦTIEĠ

Qabel ma tibda, dawn huma id-dokumenti prinċipali u d-detalji li jkollok bżonn:

- ☐ **Ċertifikat tal-Mewt**
  Ikollok bżonn iċ-Ċertifikat DH35 tal-Mewt u l-Kawża Tagħha, maħruġ mit-tabib li jikkonferma l-mewt tal-persuna, flimkien mad-dokument tal-identità tiegħek u tal-persuna li mietet sabiex il-mewt tiġi rreġistrata fir-Reġistru Pubbliku. Wara li titlesta r-reġistrazzjoni, jinħareġ iċ-Ċertifikat tal-Mewt tar-Reġistru Pubbliku. Dan jista' jkun meħtieġ min-nutar tiegħek u minn organizzazzjonijiet oħra bħall-kumpaniji tal-assigurazzjoni jew fornituri ta' servizzi.

- ☐ **Dettalji tal-Identità**
  Li jkollok in-numru tal-karta tal-identità jew tal-passaport tal-persuna li mietet jgħin lill-bank u entitajiet oħra jsibu l-kontijiet korretti. Dawn id-dettalji jkunu meħtieġa meta tinnotifika lill-bank, tattendi appuntamenti jew taġixxi f'isem il-familja.

- ☐ **Dettalji ta' Kuntatt**
  In-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tiegħek jippermettulna nżommuk infurmat dwar kwalunkwe aġġornament jew dokumentazzjoni addizzjonali meħtieġa.

- ☐ **Kont tal-Funeral (jekk applikabbli)**
  Jekk tixtieq li ngħinuk tħallas l-ispejjeż tal-funeral mill-kont tal-persuna li mietet, jekk jogħġbok żomm il-kont tal-funeral lest. Normalment dawn il-fondi jitħallsu direttament lill-organizzatur tal-funeral wara li jiġu ppreżentati fatturi validi.

# Kif

## TINFURMANA

Meta tkun lest/a, agħżel il-metodu li jaqbel l-aktar għalik:

- **Ċempel liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti** fuq **+356 2131 2020**
- **Ibgħatilna email** fuq ***customercare@bov.com***
- **Żur l-eqreb fergħa:** ***https://www.bov.com/find-us***



# X'Jiġri

## MILL-KONTIJIET

Aħna niggwidawk matul il-proċess kollu:

- Jiġu ffriżati kemm il-kontijiet individwali kif ukoll dawk konġunti.
- Jitwaqqfu d-direct debits u l-standing orders
  *(u ngħinuk tagħmel arranġamenti alternattivi).*
- Jitħassru l-kotba taċ-ċekkijiet, l-aċċess għall-internet banking u kwalunkwe mandat ta' prokura.

**PARIR:**
Jekk pagamenti bħal dividends jew imgħax fuq bonds ikunu qed jiddaħħlu f'kont konġunt, ngħinuk biex dawn jiġu diretti lejn kont individwali.

# Kards

- Il-kards ta' debitu u ta' kreditu f'isem il-persuna li mietet jiġu kkanċellati.
- Il-kards supplimentari jiġu kkanċellati.
- Detenturi prinċipali ta' kard taħt il-75 sena jistgħu jkunu eliġibbli għal kopertura fuq il-ħajja, skont it-termini u l-kundizzjonijiet.
  Inti tista' tkun intitolat/a għal:
  - **Visa Gold**: sa €6,000;
  - **Visa Platinum**: sa €7,000.

Jekk ikun hemm bilanċ pendenti, naħdmu miegħek biex jiġi mħallas mill-kont jew mill-werrieta.

# Self, Kontijiet tan-Negozju

## U INVESTIMENTI

- **Self:**
  Ngħinuk timmaniġġja kwalunkwe bilanċ pendenti. Tkellem mar-rappreżentant tal-fergħa tiegħek għal aktar gwida.
- **Kontijiet tan-Negozju:**
  Ikkuntattja l-Fergħa tan-Negozju tagħna għal aktar assistenza.
- **Investimenti:**
  Nispjegawlek l-għażliet disponibbli, kemm jekk tixtieq tittrasferixxi kif ukoll jekk tixtieq tifdi l-investiment.

# Għajnuna
## GĦALL-ISPEJJEŻ TAL-FUNERAL

Jekk ikun hemm biżżejjed fondi fil-kont, nistgħu nirranġaw pagament dirett lill-organizzatur tal-funeral.

Nistgħu wkoll noħorġu banker's draft għall-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni *(Causa Mortis)* ladarba n-nutar jew l-avukat jipprovdilna l-istruzzjonijiet meħtieġa. Nagħmlu minn kollox biex dan il-proċess ikun sempliċi kemm jista'.

# Passi
## LEGALI

- **Żmien Indikattiv:** Ladarba n-nutar jippreżenta d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, l-Uffiċċju Legali tagħna jagħmel reviżjoni sħiħa.
- In-nutar ikun il-punt ewlieni ta' kuntatt tiegħek matul il-proċedura legali u jżommok aġġornat dwar il-progress tad-dokumentazzjoni.

# Rilaxx
## TAL-FONDI

Ladarba d-dokumentazzjoni kollha tkun f'ordni:

- Itlob lin-nutar tiegħek biex jippreżenta l-formola rilevanti għat-trasferiment dirett tal-fondi tas-suċċessjoni fil-kont bankarju tiegħek, jew;
- Ċempel liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti fuq **+356 2131 2020** biex tibbukkja appuntament, jew;
- żur fergħa biex tibbukkja appuntament direttament.

Jekk tinsab barra minn Malta, nipprovdulek gwida dwar kif tibgħat id-dettalji bankarji tiegħek b'mod sigur.



# Appoġġ
## EMOZZJONALI

M'għandekx għalfejn tgħaddi minn dan il-perjodu waħdek. Dawn huma xi organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinuk:

### RICHMOND FOUNDATION
- Tel: **1770** jew **Oli Chat**
- ***https://www.richmond.org.mt***

### KARL VELLA FOUNDATION
- ***https://karlvellafoundation.org/index.php/life-beyond-loss***

### CARITAS
- Tel: **+356 2219 9000**
- ***https://caritasmalta.org/services/fondazzjoni-caritas-malta/social-work-counselling-unit***

### HOSPICE MALTA
- Tel: **+356 2144 0085**
- ***https://hospicemalta.org/product/support-the-bereavement-services***

### CRISIS RESOLUTION MALTA
- Tel: **+356 9933 9966**

### SUPPORTLINE
- Tel: **179**

### KELLIMNI
- ***https://kellimni.com***

# Qegħdin Hawn
## GĦALIK

Mill-ewwel telefonata sal-aħħar pass, inkunu miegħek b'kura u rispett. Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattjana. Qegħdin hawn biex ngħinuk.

